MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 384/2010

**Bonello Nonzio – I.D. 645962-(M)**

**vs**

**Mallia Mark – I.D. 347065-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' tlett t'elef tlett mija tlieta u tmenin Ewro (€3,383.00), liema somma tirraprezenta ammont illi l-konvenut irrikonoxxa bhala dejn cert, likwidu u dovut pagabbli lill-attur, u dan bis-sahha ta' skrittura iffirmata bejn il-kontendenti datata 4 ta' Dicembru 2009 (Dok. A).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment, flimkien ma' l-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur  u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett t'elef tlett mija tlieta u tmenin Ewro (€3,383.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------